# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2024**

**Avviż Nru: 141/23JG**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**HSBC Bank Malta (C3177)**

**vs**

**Jason Joseph Farrugia (K.I. 308874(M)) u Maria Farrugia (K.I. 517481(M))**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetá attriċi datata 31 ta' Mejju 2023[1], permezz ta' liema hija talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' disat elef, disa' mija, tmienja u sittin Ewro u sitt ċenteżmi (€9,968.06ċ) għar-raġunijiet imfissra fl-istess Avviż;

Rat id-dokumenti annessi[2];

---

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 2 *et seq* tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2023[3].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2023[4] fejn ġiet miċħuda talba sabiex titressaq risposta tardiva.

Rat l-affidavit ta' Edward Mizzi[5].

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 17 ta' Novembru 2023[6].

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-soċjetà attriċi datata 29 ta' Novembru 2023[7].

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, il-konvenuti f'dawn il-proċeduri ma ressqux difiża formali. Mill-provi prodotti, l-ammont reklamat jirriżulta ben ippruvat. Fil-fatt, minn qari tal-affidavit jirriżulta li l-ammont dovut huwa aktar minn dak mitlub f'din il-kawża (probabbilment għaliex ittieħed l-ammont kif kien waqt il-kitba tal-affidavit). Naturalment, il-Qorti trid toqgħod biss ma' l-ammont mitlub fl-Avviż promotur. Jirriżulta wkoll li fil-mori ta' dawn il-proċeduri[8] sar ukoll xi pagament mid-debituri. Huwa ben rikonoxxut li l-ħlas jippreżumi dejn[9].

[3] A fol 4 tal-proċess.
[4] A fol 16 tal-proċess.
[5] Nota relattiva tinsab a fol 18 tal-proċess.
[6] A fol 28 tal-proċess.
[7] A fol 30 tal-proċess.
[8] Ara para 9 tal-affidavit, a fol 20 tal-proċess.
[9] Artikolu 1147 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi finalment, dwar l-argumenti miġjuba fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti din il-Qorti ftit għandha xi tgħid ħlief li dak imsemmi[10] ma jistax jeħles lid-debitur mill ħlas tal-obbligazzjoni[11]. F'kull każ, dan ma ġiex pruvat.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' disat elef, disa' mija, tmienja u sittin Ewro u sitt ċenteżmi (€9,968.06ċ) bl-imgħax legali mit-22 ta' Mejju 2023[12] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dik tal-ittra uffiċjali[13], iżda mhux dawk tal-mandat ta' sekwestru msemmija[14], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuti.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[10] Il-konvenuti jgħidu li ħajjithom inbidlet minħabba tkissir ta' negozju li kellhom.

[11] Sa fejn hekk hija applikabbli, dwar approfondiment ta' difiża simili, l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>HSBC Bank Malta plc vs Emmanuel Calleja *et*,</u>** (Rik Ġur Nru: 1017/2022) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar it-12 ta' Jannar 2024.

[12] Data indikata fid-dokument eżebit a fol 2 tal-proċess. Dwar imgħax fuq dan it-tip ta' self, il-Qorti tissenjala dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>HSBC Bank Malta p.l.c vs Ludwig Calleja *et*,</u>** (app Ċiv Nru: 744/2022/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2023.

[13] Dok B anness mal-Avviż.

[14] Dan ma ġiex ippreżentat.